UFFIĊĊJU KOMUNIKAZZJONI
Arċidjoċesi ta' Malta

IL-KNISJA F'MALTA

23 ta' Ottubru 2014

119/2014

## SEMINAR MILL-UFFIĊĊJU DJOĊESAN TAL-VOLONTARJAT

**Data: Is-Sibt 25 ta' Ottubru 2014**

Post: Is-Seminarju tal-Arċisqof (Sala tal-Iskola Primarja), Tal-Virtù

Ħin: 12:00 p.m.

Nhar is-Sibt 25 ta' Ottubru, f'nofsinhar, il-media qed tiġi mistiedna għall-preżentazzjoni tal-Kodiċi ta' Etika għall-Voluntiera u għall-Għaqdiet Volontarji li joperaw fl-Arċidjoċesi ta' Malta. Dan id-dokument tfassal wara konsultazzjoni wiesgħa, u huwa intiz li jsaħħah il-ħidma tal-volontarjat fil-Knisja b'risq is-soċjetà Maltija. Il-preżentazzjoni ser issir matul seminar li għalih ser jattendu madwar 100 persuna li huma nvoluti f'oqsma differenti tal-volontarjat. It-tema tas-seminar hi: 'Għall-qadi tal-bniedem: Il-vizjoni tal-Papa Franġisku'.

L-Isqof Charles J. Scicluna, Amministratur Appostoliku, ser iwassal il-messaġġ tiegħu wara l-preżentazzjoni tal-Kodiċi ta' Etika u d-diskors tad-Direttur tal-Uffiċċju Djoċesan tal-Volontarjat, is-Sur Tony Micallef.

Is-seminar huwa organizzat mill-Uffiċċju tal-Volontarjat tal-Knisja f'Malta.

Kurja tal-Arċisqof
Pjazza San Kalċedonju
Floriana, FRN 1535, Malta

Indirizz
Arċidjoċesi ta' Malta, P.O. Box 90,
Head Office, Marsa, MRS1000

Tel. +356 2124 1281
Email. info@maltadiocese.org
www.thechurchinmalta.org